

*Proposta għal*

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru .../..**

**ta' [...]**

**li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1702/2003 li jistabbilixxi regoli ta' implimentazzjoni biex inġenji ta' l-ajru, prodotti, partijiet u tagħmir relatat jiġu ċertifikati bħala tajbin għall-ajru u li ma jagħmlux ħsara ambjentali, kif ukoll għaċ-ċertifikazzjoni ta' organizzazzjonijiet relatati mad-disinn u l-produzzjoni tagħhom**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2002 dwar regoli komuni fil-kamp ta' l-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija tas-Sigurtà ta' l-Avjazzjoni Ewropea<sup>1</sup> (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ 'ir-Regolament Bażiku'), u b'mod partikulari l-Artikoli 5 u 6 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1702/2003 ta' l-24 ta' Settembru 2003 li jistabbilixxi regoli ta' implimentazzjoni biex inġenji ta' l-ajru, prodotti, partijiet u tagħmir relatat jiġu ċertifikati bħala tajbin għall-ajru u li ma jagħmlux ħsara ambjentali, kif ukoll għaċ-ċertifikazzjoni ta' organizzazzjonijiet relatati mad-disinn u l-produzzjoni tagħhom<sup>2</sup>,

Billi:

- (1) Li tattribwixxi privileġġ lill-organizzazzjonijiet ta' ġestjoni għall-ajrunavigabilità kontinwa approvati għall-ħruġ tal-permessi għat-tajran jitqies bħala kontribut għat-trattament b'aktar effiċjenza tal-ħtiġijiet operattivi biex titwettaq titjira jew aktar b'inġenju ta' l-ajru li ma jkollux ċertifikat ta' ajrunavigabilità validu,
- (2) L-organizzazzjonijiet ta' ġestjoni għall-ajrunavigabilità kontinwa huma kapaċi jiċċertifikaw il-konformità ta' inġenju ta' l-ajru individwali mad-disinn speċifikat għax l-organizzazzjonijiet jafu perfettament il-konfigurazzjoni ta' l-inġenju ta' l-ajru, li tiegħu huma huma responsabbli ta' l-ajrunavigabilità,
- (3) L-organizzazzjonijiet ta' ġestjoni għall-ajrunavigabilità kontinwa diġà jista' jkollhom il-privileġġ li joħorġu ċertifikati ta' reviżjoni ta' l-ajrunavigabilità, ibbażati fuq it-tagħrif dwar il-konfigurazzjoni ta' l-inġenju ta' l-ajru li tiegħu huma responsabbli ta' l-ajrunavigabilità, u l-privileġġ previst għall-ħruġ tal-permessi għat-tajran huwa bbażat fuq evalwazzjoni teknika simili,

<sup>1</sup> ĠU L 240, 7.9.2002, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1701/2003 ta' l-24 ta' Settembru 2003 (ĠU L 243, 27.9.2003, p. 5).

<sup>2</sup> ĠU L 243, 27.9.2003, p. 6. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 375/2007 tat-30 ta' Marzu 2007 (ĠU L 94. 4.4.2007, p. 3).

- (4) Instab li kien meħtieġ li jsiru aġġustamenti u korrezzjonijiet editorjali żgħar fir-regoli eżistenti għall-ħruġ tal-permessi għat-tajran,
- (5) Regolament li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2042/2003 ta' l-20 ta' Novembru 2003 dwar l-kapaċità kontinwata li jintużaw fl-ajru ta' inġenji ta' l-ajru u prodotti, partijiet u tagħmir ajrunawtiku, u dwar l-approvazzjoni ta' organizzazzjonijiet u persunal involut f'dan ix-xogħol<sup>3</sup>, qed appoġġa lil dan ir-Regolament,
- (6) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma bbażati fuq l-opinjoni maħruġa mill-Aġenzija<sup>4</sup> skond l-Artikoli 12(2)(b) u 14(1) tar-Regolament Bażiku,
- (7) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma f'konformità ma' l-opinjoni<sup>5</sup> tal-Kumitat ta' l-Aġenzija Ewropea tas-Sigurtà ta' l-Avjazzjoni mwaqqfa bl-Artikolu 54(3) tar-Regolament Bażiku,
- (8) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1702/2003 għandu għaldaqstant ikun emendat b'dan il-mod,

#### ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

##### *Artikolu 1*

L-Anness (Parti 21) għar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1702/2003 huwa b'hekk emendat kif ġej:

- 1) Fil-werrej, Taqsima A "SUB-PARTI H - ĊERTIFIKATI TA' L-ADEGWITÀ TA' L-AJRU" tinbidel b'dan li ġej:  
"SUBPARTI H – ĊERTIFIKATI TA' AJRUNAVIGABILITÀ U ĊERTIFIKATI TA' AJRUNAVIGABILITÀ LIMITATA"
- 2) Fil-werrej, titneħħa t-Taqsima A "21A.185 Il-Ħruġ ta' permessi għal titjir fl-ajru".
- 3) Fil-werrej, it-Taqsima A "(SUB-PARTI P - MA TAPPLIKAX)" tinbidel b'dan li ġej:

##### "SUBPARTI P – PERMESS GĦAT-TAJRAN

21A.701	Ambitu
21A.703	Eliġibilità
21A.705	Awtorità Kompetenti
21A.707	Applikazzjoni għall-permess għat-tajran
21A.708	Kundizzjonijiet tat-tajran

<sup>3</sup> *ĠU L 315, 28.11.2003, p. 1.* Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 376/2007 (*ĠU L 94, 4.4.2007, p. 18*).

<sup>4</sup> [Opinjoni 04/2007]

<sup>5</sup> [Trid tinħareġ.]

21A.709	Applikazzjoni għall-approvazzjoni tal-kundizzjonijiet tat-tajran
21A.710	Approvazzjoni tal-kundizzjonijiet tat-tajran
21A.711	Ħruġ tal-permess għat-tajran
21A.713	Tibdiliet
21A.715	Lingwa
21A.719	Trasferabilità
21A.721	Spezzjonijiet
21A.723	Tul taż-żmien u validità kontinwa
21A.725	Tiġdid tal-permess għat-tajran
21A.727	Obbligi tad-detentur tal-permess għat-tajran
21A.729	Żamma tad-dokumentazzjoni"

4) Fil-verreġ, Taqsima B "SUB-PARTI H - ĊERTIFIKATI TA' L-ADEGWITÀ TA' L-AJRU" tinbidel b'dan li ġej:

"SUBPARTI H – ĊERTIFIKATI TA' AJRUNAVIGABILITÀ U ĊERTIFIKATI TA' AJRUNAVIGABILITÀ LIMITATA"

5) Fil-verreġ, Taqsima B "21B.330 – Is-Sospensjoni u r-revoka taċ-ċertifikati ta' l-adeġwità ta' l-avjazzjoni" tinbidel b'dan li ġej:

"21B.330 Sospensjoni u revoka taċ-ċertifikati ta' ajrunavigabilità u taċ-ċertifikati ta' ajrunavigabilità limitata"

6) Fil-verreġ, Taqsima B "(SUB-PARTI P – MA TAPPLIKAX)" tinbidel b'dan li ġej:

"SUBPARTI P – PERMESS GĦAT-TAJRAN

21B.520	Investigazzjoni
21B.525	Ħruġ tal-permessi għat-tajran
21B.530	Revoka tal-permessi għat-tajran
21B.545	Żamma tad-dokumentazzjoni"

7) Subparagrafu (k) tal-paragrafu 21A.165 jinbidel b'dan li ġej:

"(k) Fejn japplika, skond il-privileġġ ta' 21A.163(e), jistabbilixxi l-konformità ma' 21A.711(c) u (e) qabel ma joħroġ il-permess għat-tajran (Formola 20b ta' l-EASA, ara l-Appendiċi) għal inġenju ta' l-ajru."

8) Subparagrafu (c)7 tal-paragrafu 21A.263 jinbidel b'dan li ġej:

"7. Biex jinħareġ permess għat-tajran skond 21A.711(b) għal inġenju ta' l-ajru li ddisinja jew immodifika jew li għalih approva, skond 21A.263(c)(6), il-kundizzjonijiet li fihom jista' jinħareġ permess għat-tajran, u fil-każ li l-istess organizzazzjoni tad-disinn, skond l-approvazzjoni tagħha (DOA), tikkontrolla l-konfigurazzjoni ta' l-inġenju ta' l-ajru u tiċċertifika l-konformità tiegħu mal-kundizzjonijiet tad-disinn approvati għat-tajran."

9) Subparagrafu (g) tal-paragrafu 21A.265 jinbidel b'dan li ġej:

"(g) Fejn japplika, skond il-privileġġ ta' 21A.263(c)7., jistabbilixxi l-konformità ma' 21A.711(b) u (e) qabel ma joħroġ il-permess għat-tajran (Formola 20b ta' l-EASA, ara l-Appendiċi) lill-ajruplan."

10) Paragrafu 21A.701 jinbidel b'dan li ġej:

**"21A.701 Ambitu**

(a) Il-permessi għat-tajran għandhom jinħarġu f'konformità ma' din is-subparti għal inġenji ta' l-ajru li mhumiex konformi, jew li għalihom ma ġietx approvata l-konformità, mar-rekwiżiti ta' l-ajrunavigabilità applikabbli, iżda kapaċi jtiru f'sigurtà f'kundizzjonijiet definiti u għall-finijiet li ġejjin:

1. żvilupp;
2. wiri ta' konformità mar-regolamenti jew l-ispeċifikazzjonijiet taċ-ċertifikazzjoni;
3. taħriġ ta' l-ekwipaġġi ta' l-organizzazzjonijiet tad-disinn jew l-organizzazzjonijiet tal-produzzjoni;
4. testijiet tal-produzzjoni fuq it-tajran ta' inġenji ta' l-ajru ta' produzzjoni ġodda;
5. titjiriet ta' inġenji ta' l-ajru waqt il-proċess ta' produzzjoni bejn l-istabbilimenti tal-produzzjoni;
6. titjiriet ta' inġenji ta' l-ajru biex ikunu aċċettati mill-klijenti;
7. kunsinna jew esportazzjoni ta' l-inġenji ta' l-ajru;
8. titjiriet ta' l-inġenji ta' ajru biex ikunu aċċettati mill-Awtorità;
9. sħarriġ tas-suq, inkluż it-taħriġ ta' l-ekwipaġġ tal-klijent;
10. wirjiet u eżibizzjonijiet ta' titjiriet;
11. titjiriet ta' inġenji ta' l-ajru għal post fejn se titwettaq il-manutenzjoni jew ir-reviżjoni ta' l-ajrunavigabilità jew għal post ta' ħżin;
12. titjiriet ta' inġenji ta' l-ajru b'piż li jaqbeż il-piż massimu iċċertifikat għat-tluq għal tajran fuq rotot itwal minn dawk fuq l-ilma jew fuq l-art fejn faċilitajiet xierqa għall-inżul jew fjuwil xieraq m'humiex disponibbli;
13. ksur ta' rekords, tiġrijiet fl-ajru jew kompetizzjonijiet simili;
14. titjiriet ta' inġenji ta' l-ajru li jissodisfaw ir-rekwiżiti applikabbli fil-qasam ta' l-ajrunavigabilità qabel tkun inkisbet il-konformità mar-rekwiżiti ambjentali;
15. attivitajiet ta' tajran mhux kummerċjali fuq inġenji ta' l-ajru individwali mhux kumplessi jew tipi li għalihom mhuwiex previst ċertifikat ta' l-ajrunavigabilità jew ċertifikat ta' ajrunavigabilità limitata.

(b) Din is-Subparti tistabbilixxi l-proċedura għall-ħruġ tal-permessi għat-tajran u għall-approvazzjoni tal-kundizzjonijiet tat-tajran assoċjati kif ukoll tistabbilixxi d-drittijiet u l-obbligi ta' l-applikanti għal, u d-detenturi ta', dawk il-permessi u l-approvazzjonijiet tal-kundizzjonijiet tat-tajran."

11) Paragrafu 21A.703 jinbidel b'dan li ġej:

### **"21A.703 Eligiġibilità**

(a) Kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika hija eliġibbli bħala applikant għal permess għat-tajran ħliet meta dan il-permess jintalab għall-finijiet ta' 21A.701(a)15 f'liema każ l-applikant għandu jkun is-sid.

(b) Kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika hija eliġibbli biex tapplika għall-approvazzjoni tal-kundizzjonijiet tat-tajran."

12) Paragrafu 21A.711 jinbidel b'dan li ġej:

### **"21A.711 Ħruġ tal-permess għat-tajran**

(a) L-Awtorità kompetenti għandha toħroġ permess għat-tajran:

1. meta tkun ippreżentata d-dejta meħtieġa minn 21A.707; u
2. meta l-kundizzjonijiet ta' 21A.708 jkunu ġew approvati skond 21A.710; u
3. meta l-Awtorità Kompetenti, permezz ta' l-investigazzjonijiet tagħha stess, li jista' jinkludu spezzjonijiet, jew permezz ta' proċeduri miftiehma ma' l-applikant, tkun sodisfatta li l-inġenju ta' l-ajru huwa konformi mad-disinn iddefinit skond 21A.708 qabel it-tajran.

(b) Organizzazzjoni tad-disinn approvata kif jixraq tista' toħroġ permess għat-tajran (Formola 20b ta' l-EASA, ara l-Appendiċi) skond il-privileġġ mogħti skond 21A.263(c)7, meta l-kundizzjonijiet ta' 21A.708 jkunu ġew approvati skond 21A.710.

(c) Organizzazzjoni tal-produzzjoni approvata kif jixraq tista' toħroġ permess għat-titjir (Formola 20b ta' l-EASA, ara l-Appendiċi) skond il-privileġġ mogħti skond 21A.163(e), meta l-kundizzjonijiet ta' 21A.708 jkunu ġew approvati skond 21A.710.

(d) Organizzazzjonijiet ta' ġestjoni għall-ajrunavigabilità kontinwa approvata kif jixraq tista' toħroġ permess għat-tajran (Formola 20b ta' l-EASA, ara l-Appendiċi) skond il-privileġġ mogħti skond M.A.711(b)(3), meta l-kundizzjonijiet ta' 21A.708 jkunu ġew approvati skond 21A.710.

(e) Il-permess għat-tajran għandu jispeċifika l-iskop(ijiet) u l-eventwali kundizzjonijiet u limitazzjonijiet approvati skond 21A.710.

(f) Għall-permessi maħruġa skond subparagrafu (b), (c) jew (d), kopja tal-permess għat-tajran u l-kundizzjonijiet tat-tajran assoċjati għandhom jingħataw lill-Awtorità Kompetenti.

(g) Jekk jintwera li xi waħda mill-kundizzjonijiet speċifikati fi 21A.723(a) m'hijiex tintlaħaq fir-rigward tal-permess għat-tajran li organizzazzjoni tkun ħarġet f'konformità mas-subparagrafu (b), (c) jew (d), dik l-organizzazzjoni għandha tirrevoka dak il-permess għat-tajran."

13) Subparagrafu (a) tal-paragrafu 21A.723 jinbidel b'dan li ġej:

"(a) Permess għat-tajran għandu jinħareġ għal mhux aktar minn 12-il xahar u għandu jibqa' validu suġġett għal:

1. konformità mal-kundizzjonijiet u l-limitazzjonijiet ta' 21A.711(e) assoċjati mal-permess għat-tajran;
2. permess għat-tajran ma jkunx ċedut jew irrevokat skond 21B.530;
3. l-inġenju ta' l-ajru jibqa' fuq l-istess reġistru."

*Artikolu 2*  
**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jkun jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

*Magħmul fi Brussell,*

*Għall-Kummissjoni*

*Membru tal-Kummissjoni*